**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Frar, 2020**

**Kawza numru: 55/2019 AM**

**Numru fuq il-lista: 41.**

**Untours Insurance Agents Ltd u din ghall-Qatar Insurance Agency Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' Kevin Valentine u l-istess Kevin Valentine.**

**A3 Towers, Level 0, Triq l-Arkata,**

**Paola**

**Vs**

**Kunsill Lokali Bormla,**

**A2, The Rest, Misrah Santa Margerita, Bormla.**

**Transport Malta,**

**Roads and Infrastructure Directorate,**

**Triq Pantar, Hal Lija**

**u b'digriet ta' dan it-Tribunal tal-4 a' Ottubru 2019 giet kjamata f'din it-talba il-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma (Water Services Corporation) ta' Triq Hal Qormi, Luqa LQA 9043.**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta attrici li permezz taghha talbet l-hlas ta' tlett elef hames mija u sebghin ewro u disgha u disghin centezmu (€3570.99 ) minghand il-konvenuti jew min minnhom rapprezentanti danni sofferti fuq il-vettura Ford Fusion Numru LCO-523 li dahlet fi sprall fis-27 ta' Ottubru 2014 fi Triq il-Kuncizzjoni Bormla.

Ra r-risposta tal-Kunsill Lokali Bormla li permezz taghha eccepixxa li t-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-kodici Civili u li l-Kunsill Lokali eccipjenti m'huwiex responsabbli ghal hsarat allegati mill-atturi li f'kull kaz ghandhom jigu ipprovati skond il-ligi.

Ra li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ghalkemm debitament notifikata baqghet ma prezentat ebda risposta u lanqas dehret ghas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici ffis-sedua tat-18 ta' Frar 2020, li permezz taghha cediet it-talbiet taghha fil-konfront tal-Kunsill konvenut u fil-konfront tal-Awtorita Dwar it-Trasport f' Malta (Transport Malta) zammet ferm it-talbiet taghha fil-konfront tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kjamata fil-kawza.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra li fis-seduta tat-18 ta' Frar 2020 hadd minn l-istess Korporazzjoni baqa` ma deher ghalkemm imsejhin skond il-ligi.

Sema lil rapprezentant tas-socjeta attrici jiddikjara bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra s-subizzjoni tas-socjeta atrici.

Ra li l-Korporazzjoni kjamata fil-kawza regghet ma deheritx ghas-seduta tal-lum u li wara li rega semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu kollu dovut il-kawza giet deciza.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jordna lil Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' ta' tlett elef hames mij au sebghin ewro u disgha u disghinc entezmu (€3570.99 )mid-data tal-prezentat ta' dan l-Avviz cioe mil-21 ta' marzu 2019 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-istess Korporazzjoni. Jigi rilevat li ebda prova ma saret dwar l-allegat arbitragg u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistghax jordna lill-istess Korporazzjoni thallas l-ispejjez tal-arbitragg.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**